MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2012

Numru. 1184/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Godwin Scerri)**

**vs**

**FRANCIELLE ELLUL (BENHASSAN)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Francielle Ellul (Benhassan) ta' 28 sena bint Martin u Miriam xebba Magro, imwielda Pieta' nhar 03/12/1984, u residenti Nru 10, Triq l-Arkata, Paola detentrici tal-karta ta' l-identita' numru: 21385(M).

Giet akkuzata li fid-data ta' 29 ta' Ottubru 2012 min gewwa l-ufficini tal-Ministeru tal-Edukazzjoni fi Triq id-Dejqa, l-Belt Valletta, ikkommettiet serq ikwalifikat bil-

persuna, ghal ammont ta' 70 ewro ghad-dannu ta' Maria Theresa. Johnson u Ludgarda Cammilleri u dan bi ksur tal-Kapitlu 9, Artiklu 261(d) tal-Ligijiet ta' Malta.

F'kaz ta' htija il-Qorti giet mitluba tikkunsidra lil-Francielle Ellul bhala recidiva skond Artikolu 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok GS3 fl-atti tal-kawza u nnutat li l-imputata Francielle Ellul (Benhassan) m'ghandiex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat bi procedura sommarja.
Innutat li fl-ezami taghha l-imputata wiegbet li hija hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghha.
Il-Qorti wissiet lill-imputata bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni taghha u taghtha ftit taz-zmien sabiex tiddeciedi jekk tikkonfermax l-ammissjoni taghha jew le, u wara li giet mistoqsija jekk tikkonfermax l-ammissjoni taghha jew le, l-imputata wiegbet li hija hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghha.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputata ikkoperat mal-Pulizija u li r-rifurtiva giet ritornata lis-sidien.

Inoltre l-istess Ufficjal Prosekutur iddikjara li hu konsapevoli li l-imputata ghandha problema ta' abbuz ta' alcohol u ghaldaqstant talab li l-imputata titpogga taht Ordni ta' Probation sabiex tigi assistita teghleb din il-problema.

Rat l-artikoli 31, 261(d), 268, 281(a), 49, 50 u 289 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputata Francielle Ellul (Benhassan), fuq ammissjoni, hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghha u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz tiddeciedi ai termini tal-artikolu 7(1) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta li tpoggi lill-imputata Francielle Ellul (Benhassan) taht Ordni ta’ Probation ghal perjodu ta’ tlett (3) snin millum u dan bil-

ghan li l-imsemmija imputata tkun assistita fil-problema li ghandha ta' abbuz mill-alcohol u li ma jkunx hemm ripetizzjoni ta' reati simili.

Il-Qorti tordna li d-Digriet anness ma' din is-Sentenza dwar il-kundizzjonijiet tal-Probation Order jifforma parti integrali minn din is-Sentenza.

Il-Qorti tordna n-notifika ta' kopja ta' din is-Sentenza u tad-Digriet anness ma' din is-Sentenza lid-Direttur tal-Probation Services sabiex dan jassenja Ufficjal tal-Probation lill-imputata Francielle Ellul (Benhassan).

L-Ufficjal tal-Probation assenjat ghandu jirrapporta bil-miktub lil din il-Qorti bil-progress tal-imsemmija Francielle Ellul (Benhassan) kull sitt (6) xhur.

Il-Qorti tat lill-imputata Francielle Ellul (Benhassan) l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 7(7) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------